MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2014

Numru. 1000/2010

**L-Artikolu 221(1) u 251B(1) tal-Ligijiet ta' Malta**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Micallef-Grimaud)**

**vs**

**ALBERT MAMO**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ALBERT MAMO**, ta’ 59 sena, iben Anthony u Rose nee’ Pace, imwieled tas-Sliema, nhar it-28 ta’ Dicembru 1950, u residenti 19, Tamarind, Triq C. Tridenti, Swieqi u detentur tal-karta tal-Identita’ bin-numru 037151(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli

fit-12 ta’ Mejju, 2009 ghall-habta tal-10.30AM gewwa l-Belt, Valletta:

[i] hebb ghal Anthony Gatt, anzjan ta’ 63 sena u kkagunalu feriti skond ma ccertifikat it-tabib Dr Tessa Bugeja MD tal-Isptar Mater Dei;

[ii] bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Anthony Gatt, biza li ser tintuza vjolenza kontrih meta kien jaf jew missu kif jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil Anthony Gatt hekk jibza kull darba minn dawk l-okkazjonijiet.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom estratt mill-att tat-twelid, il-fedina penali tal-imputat, il-kunsens tal-Avukat Generali, certifikat mediku mahrug minn Dr. Tessa Bugeja fil-konfront ta' Anthony Gatt nhar it-12 ta' Mejju, 2009 u l-istqarrija rilaxxata mill-imputat nhar it-13 ta' Mejju, 2009.

Semghet ix-xhieda moghtija minn Joanne Galea u Monique Azzopardi.

Rat illi skond ic-certifikat rilaxxat minn Dr. Tessa Bugeja l-feriti li allegatament sofra Anthony Gatt kienu ta' natura hafifa "slight safe complications" u ghalhekk rinunzjabbli mill-parte civile.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lilha kif presjeduta b'digriet tas-Sinjurija Tieghu l-President tal-Qorti nhar il-21 ta' April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata quddiemha nhar it-2 ta' Mejju, 2014 meta deher quddiemha l-imputat debitament assistit u deher ukoll Dr. Edward Gatt ghan-nom tal-parte civile li ddikjara illi Anthony Gatt l-allegat kwerelant f'din il-kawza m'ghadx ghandu nteress fl-ezitu ta' dawn il-proceduri u qed jirrinunzja ghal kull azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat.

Rat ukoll dak li vverbalizza Dr. Edward Gatt u cioe' li l-incident odiern kien incident wiehed u izolat u li llum il-parte civile m'ghandu l-ebda pretensjoni ulterjuri kontra l-imputat.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikolu 221(1) u 251B(1) tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li in vista tad-dikjarazzjoni tal-parte civile huwa ezawrit fil-konfront tal-ewwel akkuza stante r-rinunzja tal-parte civile u konsegwentement tasjteni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-ewwel akkuza u tiddikajra li massibx lill-imputat ALBERT MAMO hati tat-tieni akkuza stante li dan kien incident wiehed izolat u tilleberah minnha.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------